Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2026/2023(INL)

21.4.2026

EMENDI
1 - 153

Abbozz ta' rapport
Estelle Ceulemans
(PE784.330v02-00)

Ir-riskji psikosoċjali, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol
(2026/2023(INL))

Emenda 1
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra ***l-Artikolu 225*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),	– wara li kkunsidra ***l-Artikoli 151, 153(1), il-punt (a) u 153(2)*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

Or. en

Emenda 2
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 1, 3, ***21,*** 31 u 35 tagħha,	– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 1, 3, ***27,*** 31 u 35 tagħha,

Or. en

Emenda 3
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari l-Prinċipju 10 dwar ambjenti tax-xogħol tajbin għas-saħħa, sikuri u adattati sew,	***imħassar***

Or. en

Emenda 4
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-ftehim qafas ***tas-sħab soċjali Ewropej*** dwar l-istress fuq il-post tax-xogħol (2004),	– wara li kkunsidra l-ftehim qafas dwar l-istress fuq il-post tax-xogħol ***iffirmat mill-ETUC, mill-UNICE, mill-UEAPME u mis-CEEP fit-8 ta' Ottubru*** (2004),

Or. en

Emenda 5
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-ftehim qafas ***tas-sħab soċjali Ewropej*** dwar il-fastidju u l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol (2007),	– wara li kkunsidra l-ftehim qafas dwar il-fastidju u l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol ***iffirmat mill-ETUC, minn BUSINESSEUROPE, mill-UEAPME u mis-CEEP*** (***fis-26 ta' April*** 2007),

Or. en

Emenda 6
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol tal-2021–	***imħassar***

2027, li jistabbilixxi l-prijoritajiet ewlenin għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fid-dinja l-ġdida tax-xogħol, it-titjib tal-prevenzjoni ta' inċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol, u ż-żieda fit-tħejjija għal kwalunkwe kriżi tas-saħħa futura potenzjali,

Or. en

Emenda 7
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2025 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol – tiswir tal-futur tax-xogħol (2025/2080(INL)),

Or. en

Emenda 8
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar xogħol prekarju u saħħa mentali (SOC/745-EESC-2023),	***imħassar***

Or. en

Emenda 9
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport tal-EU-OSHA ***dwar*** "***Ir-riskji psikosoċjali*** u ***s-saħħa*** mentali relatati max-xogħol fis-settur tas-saħħa u l-kura soċjali tal-UE" ippubblikat fit-13 ta' Novembru 2025,	– wara li kkunsidra r-rapport tal-EU-OSHA ***bit-titolu*** "***Ħarsa ġenerali lejn ir-riskju psikoloġiku relatat max-xogħol*** u ***l-eżiti tas-saħħa*** mentali relatati max-xogħol fis-settur tas-saħħa u l-kura soċjali tal-UE" ippubblikat fit-13 ta' Novembru 2025,

Or. en

Emenda 10
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 20a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-istħarriġ tal-WHO Ewropa dwar is-Saħħa Mentali tal-Infermiera u tat-Tobba (MeND) fl-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u n-Norveġja ppubblikat fl-10 ta' Ottubru 2025,

Or. en

Emenda 11
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 20a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra n-nota ta' politika tal-2022 tal-WHO u tal-ILO bit-titolu "Mental health at work: policy

brief" (Is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol: nota ta' politika),

Or. en

Emenda 12
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 20b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' [...] dwar [Pjan ta' kriżi tal-UE għall-forza tax-xogħol tas-saħħa: is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u l-kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol fis-settur tal-kura tas-saħħa][1a],
	[1a] ĠU C ...

Or. en

Emenda 13
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover, Wouter Beke, Pascal Arimont, Liesbet Sommen, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 24a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar is-saħħa mentali (2023/2074(INI)),

Or. en

Emenda 14
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover, Liesbet Sommen,

Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 24b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-linji gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol (2022),

Or. en

Emenda 15
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 24c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol dwar ir-riskji psikosoċjali u l-istress fuq il-post tax-xogħol,

Or. en

Emenda 16
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 24d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-5 ta' Marzu 2026 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri 2026-2030",

Or. en

Emenda 17
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 24e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE,

Or. en

Emenda 18
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi ***r-riskji*** psikosoċjali relatati max-xogħol ***jirriżultaw primarjament mill-esponiment għal fatturi ta' riskju*** relatati ***mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, kif ukoll mill-kuntest soċjali u relazzjonali tax-xogħol***, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;	A. billi***, skont ir-rapport tal-EU-OSHA bit-titolu "An overview of work-related psychosocial risks and mental health outcomes in the EU health and social care sector" (Ħarsa ġenerali lejn ir-riskji*** psikosoċjali ***u l-eżiti tas-saħħa mentali*** relatati max-xogħol ***fis-settur tas-saħħa u l-kura soċjali tal-UE), il-fatturi ta' riskju psikosoċjali*** relatati ***max-xogħol jistgħu jiġu kkategorizzati f'riskju relatat ma' fatturi organizzattivi***, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol***, minn naħa waħda, u r-riskju relatat mal-ambjent soċjali tax-xogħol, jiġifieri l-ambjent psikosoċjali li fih jitwettaq ix-xogħol, min-naħa l-oħra***;

Or. en

Emenda 19
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Miriam Lexmann, Marion Walsmann, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol ***jirriżultaw primarjament mill-esponiment għal*** fatturi ***ta' riskju*** relatati ***mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, kif ukoll mill-kuntest soċjali u relazzjonali tax-xogħol, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol***;	A. billi r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol ***huma multifattorjali u jistgħu jiġu influwenzati minn taħlita ta'*** fatturi relatati ***max-xogħol u ċirkostanzi individwali usa'***;

Or. en

Emenda 20
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jirriżultaw primarjament mill-esponiment għal fatturi ta' riskju relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, kif ukoll mill-kuntest soċjali u relazzjonali tax-xogħol***, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol***;	A. billi r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol ***u l-impatti tagħhom*** jirriżultaw primarjament mill-esponiment għal fatturi ta' riskju relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, kif ukoll mill-kuntest soċjali u relazzjonali tax-xogħol;

Or. en

Emenda 21
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jirriżultaw ***primarjament*** mill-esponiment għal fatturi ta' riskju relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, kif ukoll mill-kuntest soċjali u relazzjonali tax-xogħol, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;	A. billi r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jirriżultaw mill-esponiment għal fatturi ta' riskju relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, kif ukoll mill-kuntest soċjali u relazzjonali tax-xogħol, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

Or. en

Emenda 22
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Miriam Lexmann, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-organizzazzjoni, il-finanzjament u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u kura medika, inklużi servizzi tas-saħħa mentali, jibqgħu r-responsabbiltà tal-Istati Membri; billi l-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali għandha tirrispetta l-kompetenzi nazzjonali filwaqt li tappoġġja l-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki;

Or. en

Emenda 23
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi trid issir distinzjoni bejn ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u s-

saħħa mentali, b'organizzazzjonijiet bħall-ILO[1a] u l-WHO[1b] li jiddeskrivu li għal riżultati ħżiena tas-saħħa, is-saħħa mentali hija l-"eżitu" u r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol huma l-"kawża";

[1a] https://www.ilo.org/publications/mental-health-work

[1b] https://www.who.int/news-room/fact-sheets/detail/mental-health-at-work

Or. en

Emenda 24
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi li huwa f'idejn l-Istati Membri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet skont liema kulħadd għandu d-dritt ta' aċċess għal kura tas-saħħa preventiva u d-dritt li jibbenefika minn trattament mediku;

Or. en

Emenda 25
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Lara Magoni, Georgiana Teodorescu, Chiara Gemma, Geadis Geadi, Marlena Mąląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi x-xogħol jikkostitwixxi parti importanti mill-ħajja tal-individwi iżda mhux id-dimensjoni unika tagħha;

Or. en

Emenda 26
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Lara Magoni, Georgiana Teodorescu, Chiara Gemma, Geadis Geadi, Marlena Mąląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi r-riskji psikosoċjali, l-istress u l-kwistjonijiet ta' saħħa mentali jistgħu joriġinaw mhux biss minn fatturi relatati max-xogħol iżda wkoll minn fatturi esterni għall-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 27
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali bħal ammont ta' xogħol eċċessiv, pass tax-xogħol mhux raġonevoli, nuqqas ta' forza tax-xogħol, nuqqas ta' awtonomija, nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi, prattiki ta' ġestjoni ħżiena, prestazzjoni disfunzjonali ***u*** sistemi ta' evalwazzjoni ***bbażati*** fuq il-mertu jżidu b'mod sinifikanti r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;	B. billi l-esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali bħal ammont ta' xogħol eċċessiv, pass tax-xogħol mhux raġonevoli, nuqqas ta' forza tax-xogħol, nuqqas ta' awtonomija, nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi, prattiki ta' ġestjoni ħżiena, prestazzjoni disfunzjonali, sistemi ta' evalwazzjoni ***mhux ibbażati*** fuq il-mertu, ***il-likwidazzjoni tal-ħin liberu minħabba forom ġodda ta' xogħol u l-intensifikazzjoni dejjem tiżdied ta' mudelli***

	ta' xogħol marbut mal-profitti, l-awsteritä, it-tnaqqis tal-persunal u d-deregolamentazzjoni tas-suq tax-xogħol iżidu b'mod sinifikanti r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;

Or. el

Emenda 28
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali bħal ammont ta' xogħol eċċessiv, pass tax-xogħol mhux raġonevoli, nuqqas ta' forza tax-xogħol, nuqqas ta' awtonomija, nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi, prattiki ta' ġestjoni ħżiena, prestazzjoni disfunzjonali u sistemi ta' evalwazzjoni bbażati fuq il-mertu ***jżidu*** b'mod sinifikanti r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;	B. billi l-esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali bħal ammont ta' xogħol eċċessiv, pass tax-xogħol mhux raġonevoli, nuqqas ta' forza tax-xogħol, nuqqas ta' awtonomija, nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi, prattiki ta' ġestjoni ħżiena, prestazzjoni disfunzjonali u sistemi ta' evalwazzjoni bbażati fuq il-mertu***, *** ***bullying fuq il-post tax-xogħol, fastidju morali, żvalutazzjoni tad-dinjità personali u l-imminar tal-identità professjonali, li joriġinaw minn impjegatur, superviżur jew kollegi, iżidu*** b'mod sinifikanti r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;

Or. en

Emenda 29
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali bħal ammont ta' xogħol eċċessiv**,** pass tax-xogħol mhux raġonevoli, nuqqas ta' forza tax-xogħol, nuqqas ta'	B. billi l-esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali bħal ammont ta' xogħol eċċessiv ***u*** pass tax-xogħol mhux raġonevoli, nuqqas ta' forza tax-xogħol

awtonomija, nuqqas ta’ sigurtà tal-impjiegi, prattiki ta’ ġestjoni ħżiena***,*** ***prestazzjoni disfunzjonali u sistemi ta’ evalwazzjoni bbażati fuq il-mertu*** jżidu b’mod sinifikanti r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;

inklużi livelli mhux sikuri ta’ persunal, fastidju psikoloġiku u sesswali, nuqqas ta’ awtonomija ***jew influwenza, nuqqas ta’ ċarezza tar-rwol u komunikazzjoni ineffettiva***, nuqqas ta’ sigurtà tal-impjiegi, prattiki ta’ ġestjoni ħżiena ***u prattiki kolleġġjali*** jżidu b’mod sinifikanti r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;

Or. en

Emenda 30
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-esponiment għal fatturi ta’ riskju psikosoċjali bħal ammont ta’ xogħol eċċessiv, pass tax-xogħol mhux raġonevoli, ***nuqqas ta’ forza tax-xogħol,*** nuqqas ta’ awtonomija***, nuqqas ta’ sigurtà tal-impjiegi, prattiki ta’ ġestjoni ħżiena,*** prestazzjoni disfunzjonali ***u sistemi ta’ evalwazzjoni bbażati fuq il-mertu*** jżidu b’mod sinifikanti r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;	B. billi l-esponiment għal fatturi ta’ riskju psikosoċjali bħal ammont ta’ xogħol eċċessiv, pass tax-xogħol mhux raġonevoli, nuqqas ta’ awtonomija ***u*** prestazzjoni disfunzjonali jżidu b’mod sinifikanti r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;

Or. en

Emenda 31
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi ***l-esponiment għal fatturi ta’ riskju psikosoċjali bħal*** ammont ta’ xogħol eċċessiv, ***pass tax-xogħol mhux raġonevoli, nuqqas ta’ forza tax-xogħol***, nuqqas ta’ awtonomija, nuqqas ta’ sigurtà	B. billi ammont ta’ xogħol eċċessiv, ***sigħat tax-xogħol barra mill-ħinijiet normali***, nuqqas ta’ awtonomija, nuqqas ta’ sigurtà tal-impjiegi ***u tax-xogħol***, prattiki ta’ ġestjoni ħżiena, ***nuqqas ta’***

tal-impjiegi, prattiki ta' ġestjoni ħżiena, prestazzjoni disfunzjonali ***u*** sistemi ta' evalwazzjoni bbażati fuq il-mertu jżidu b'mod sinifikanti ***r-riskji*** psikosoċjali relatati max-xogħol;	***distinzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja privata permezz ta' aspettattivi ta' konnessjoni kostanti,*** prestazzjoni disfunzjonali***,*** sistemi ta' evalwazzjoni bbażati fuq il-mertu***, intensità tax-xogħol u eżiġenzi etiċi*** jżidu b'mod sinifikanti ***l-esponiment għar-riskji*** psikosoċjali relatati max-xogħol;

Or. en

Emenda 32
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali bħal ammont ta' xogħol eċċessiv, pass tax-xogħol mhux raġonevoli, nuqqas ta' forza tax-xogħol, nuqqas ta' awtonomija, nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi, prattiki ta' ġestjoni ħżiena, prestazzjoni disfunzjonali u sistemi ta' evalwazzjoni bbażati fuq il-mertu jżidu b'mod sinifikanti r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;	B. billi l-esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali bħal ammont ta' xogħol eċċessiv, pass tax-xogħol mhux raġonevoli, nuqqas ta' forza tax-xogħol, nuqqas ta' awtonomija, nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi, prattiki ta' ġestjoni ħżiena, ***nuqqas ta' opportunitajiet ta' taħriġ u żvilupp,*** prestazzjoni disfunzjonali u sistemi ta' evalwazzjoni bbażati fuq il-mertu jżidu b'mod sinifikanti r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;

Or. en

Emenda 33
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali bħal ammont ta' xogħol eċċessiv, pass tax-xogħol mhux raġonevoli,	B. billi l-esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali bħal ammont ta' xogħol eċċessiv, pass tax-xogħol mhux raġonevoli,

nuqqas ta’ forza tax-xogħol, nuqqas ta’ awtonomija, nuqqas ta’ sigurtà tal-impjiegi, prattiki ta’ ġestjoni ħżiena, prestazzjoni disfunzjonali u sistemi ta’ evalwazzjoni bbażati fuq il-mertu jżidu b’mod sinifikanti r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;	nuqqas ta’ forza tax-xogħol***, objettivi li ma jistgħux jintlaħqu***, nuqqas ta’ awtonomija, nuqqas ta’ sigurtà tal-impjiegi, prattiki ta’ ġestjoni ħżiena, prestazzjoni disfunzjonali u sistemi ta’ evalwazzjoni bbażati fuq il-mertu jżidu b’mod sinifikanti r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;

Or. en

Emenda 34
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Miriam Lexmann, Marion Walsmann, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-esponiment għal fatturi ta’ riskju psikosoċjali ***bħal ammont ta’ xogħol eċċessiv, pass tax-xogħol mhux raġonevoli, nuqqas ta’ forza tax-xogħol, nuqqas ta’ awtonomija, nuqqas ta’ sigurtà tal-impjiegi, prattiki ta’ ġestjoni ħżiena, prestazzjoni disfunzjonali u sistemi ta’ evalwazzjoni bbażati fuq il-mertu jżidu b’mod sinifikanti r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol***;	B. billi l-esponiment għal fatturi ta’ riskju psikosoċjali ***relatati mal-organizzazzjoni u l-ġestjoni tax-xogħol għandu jiġi ġestit b’mod effettiv biex jiġi żgurat ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa u tiġi appoġġjata l-produttività***;

Or. en

Emenda 35
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-ittra konġunta tal-President tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-President tal-Kumitat għas-Saħħa Pubblika lill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati tal-

5 ta' Frar 2026 D 200441 tiddikjara li l-Unjoni, fir-rigward tal-politika soċjali, għandha tappoġġja u tikkomplementa l-attivitajiet tal-Istati Membri fl-oqsma tat-titjib b'mod partikolari tal-ambjent tax-xogħol biex jiġu protetti, fost l-oħrajn, is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-sigurtà soċjali u l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 36
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi "ħaddiem" tirreferi għal kwalunkwe persuna impjegata minn impjegatur, fil-livelli kollha ta' responsabbiltà, inklużi t-trainees u l-apprendisti, kif definit mid-Direttiva 89/391/KEE;

Or. en

Emenda 37
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi appoġġ maniġerjali u kwalità ta' tmexxija b'saħħithom huma fatturi ta' mitigazzjoni ewlenin għar-riskji psikosoċjali;

Or. en

Emenda 38
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali għandu effetti negattivi serji fuq is-saħħa mentali u fiżika tal-ħaddiema, inklużi l-istress relatat max-xogħol, il-burnout, id-disturbi tal-ansjetà, id-dipressjoni, il-mard kardjovaskulari, id-disturbi muskoloskeletali u l-inkapaċità għax-xogħol fit-tul;	C. billi l-esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali għandu effetti negattivi serji fuq is-saħħa mentali u fiżika tal-ħaddiema, inklużi l-istress relatat max-xogħol, il-burnout, id-disturbi tal-ansjetà, id-dipressjoni, il-mard kardjovaskulari, id-disturbi muskoloskeletali u l-inkapaċità għax-xogħol fit-tul; ***billi, min-naħa l-oħra, ambjent psikosoċjali tajjeb fuq il-post tax-xogħol itejjeb il-prestazzjoni tajba kemm għall-ħaddiema kif ukoll għan-negozji u wkoll għall-iżvilupp personali u l-benesseri mentali u fiżiku tal-ħaddiema;***

Or. en

Emenda 39
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali għandu effetti negattivi serji fuq is-saħħa mentali u fiżika tal-ħaddiema, inklużi l-istress relatat max-xogħol, il-burnout, id-disturbi tal-ansjetà, id-dipressjoni, il-mard kardjovaskulari, id-disturbi muskoloskeletali u l-inkapaċità għax-xogħol fit-tul;	C. billi l-esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali għandu effetti negattivi serji fuq is-saħħa mentali u fiżika tal-ħaddiema, inklużi l-istress relatat max-xogħol, il-burnout, id-disturbi tal-ansjetà, id-dipressjoni, ***ir-rata tas-suwiċidju,*** il-mard kardjovaskulari***, it-tfixkil relazzjonali u l-impatt tagħhom fuq il-klima soċjali fuq il-post tax-xogħol, il-konsum tal-ansjolitiċi jew tal-alkoħol, it-tipjip***, id-

	disturbi muskoloskeletali u l-inkapaċità għax-xogħol fit-tul;

Or. en

Emenda 40
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali għandu effetti negattivi serji fuq is-saħħa ***mentali u fiżika*** tal-ħaddiema, inklużi l-istress relatat max-xogħol, il-burnout, id-disturbi tal-ansjetà***, id-dipressjoni, il-mard kardjovaskulari, id-disturbi muskoloskeletali u l-inkapaċità għax-xogħol fit-tul***;	C. billi***, skont ir-rapport tal-EU-OSHA bit-titolu "An overview of work-related psychosocial risks and mental health outcomes in the EU health and social care sector" (Ħarsa ġenerali lejn ir-riskji psikosoċjali u l-eżiti tas-saħħa mentali relatati max-xogħol fis-settur tas-saħħa u l-kura soċjali tal-UE),*** l-esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali għandu effetti negattivi serji fuq is-saħħa tal-ħaddiema, inklużi l-istress relatat max-xogħol, il-burnout, id-disturbi tal-ansjetà ***u eżiti oħra tas-saħħa mentali***;

Or. en

Emenda 41
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover, Liesbet Sommen, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali għandu effetti negattivi serji fuq is-saħħa mentali u fiżika tal-ħaddiema, inklużi l-istress relatat max-xogħol, il-burnout, id-disturbi tal-ansjetà, id-dipressjoni, il-mard kardjovaskulari, id-disturbi muskoloskeletali u l-inkapaċità	C. billi l-esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali għandu effetti negattivi serji fuq is-saħħa mentali u fiżika tal-ħaddiema, inklużi l-istress relatat max-xogħol, il-burnout, id-disturbi tal-ansjetà, id-dipressjoni, il-mard kardjovaskulari, id-disturbi muskoloskeletali u l-inkapaċità

għax-xogħol fit-tul;

għax-xogħol fit-tul ***li potenzjalment jirriżultaw fit-telf ta' impjieg jew f'riżenja***;

Or. en

Emenda 42
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi, skont l-istħarriġ MeND tal-WHO/Ewropa, wieħed minn kull tliet tobba u infermiera jirrapportaw sintomi ta' dipressjoni u 1 minn kull 10 jesperjenzaw ħsibijiet suwiċidali passivi; billi wieħed minn kull tliet tobba u infermiera jesperjenzaw bullying jew theddid ta' vjolenza fuq il-post tax-xogħol, u 10 % jirrapportaw li esperjenzaw vjolenza fiżika jew fastidju sesswali;

Or. en

Emenda 43
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-fatturi ta' riskju psikosoċjali jista' jkollhom effett negattiv fuq id-diżabbiltà, inklużi l-kundizzjonijiet tas-saħħa bħad-dijabete, l-epilessija, il-mard awtoimmuni jew il-mard rewmatiku u muskoloskeletali (RMDs); billi dawn il-kundizzjonijiet jirrikjedu miżuri ta' appoġġ flessibbli u xierqa fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 44
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-Artikolu 153(2), il-punt (b) jistabbilixxi li d-"direttivi għandhom jevitaw li jdaħħlu rabtiet amministrattivi, finanzjarji u ġuridiċi li jistgħu jxekklu l-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi żgħar u medji";

Or. en

Emenda 45
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Marion Walsmann, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi ***l-l-Istħarriġ*** Ewropew tal-Eurofound dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ***juri li l-esponiment għal intensità għolja tax-xogħol żdied minn 27*** % fl-2015 ***għal 40 % fl-2021 fejn wieħed minn kull tliet impjegati qed jaħdmu b'intensità għolja tax-xogħol, bi skadenzi qosra ħafna jew matul il-ħin liberu tagħhom***;	D. billi ***l-Istħarriġ*** Ewropew tal-Eurofound dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ***tal-2024 jissottolinja li l-biċċa l-kbira tal-forza tax-xogħol tal-UE tirrapporta saħħa tajba jew tajba ħafna, u dan is-sehem ilu jiżdied bil-mod matul is-snin: 77 % fl-2010, 78 %*** fl-2015 ***u 80 % fl-2024; billi s-sehem tal-forza tax-xogħol li rrapporta saħħa ħażina jew ħażina ħafna fiż-żmien tal-istħarriġ kien stabbli, ta' madwar 2,5 %; billi, b'mod ġenerali, il-proporzjon ta' rġiel f'saħħithom huwa ogħla minn dak tan-nisa, iżda b'varjazzjonijiet bejn il-pajjiżi; billi l-Istħarriġ Ewropew tal-Eurofound dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-2024 juri li l-livell ta' benesseri suġġettiv fl-UE għadu pjuttost għoli u żdied b'0,5 % mill-2015,***

b'punteġġ medju tal-UE ta' 69 % fl-2024;

Or. en

Emenda 46
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi ***l-Istħarriġ*** Ewropew tal-Eurofound dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol juri li l-esponiment għal intensità għolja tax-xogħol żdied minn 27 % fl-2015 għal 40 % fl-2021 fejn wieħed minn kull tliet impjegati qed jaħdmu b'intensità għolja tax-xogħol, bi skadenzi qosra ħafna jew matul il-ħin liberu tagħhom;	D. billi ***l-Istħarriġ*** Ewropew tal-Eurofound dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol juri li l-esponiment għal intensità għolja tax-xogħol żdied minn 27 % fl-2015 għal 40 % fl-2021 fejn wieħed minn kull tliet impjegati qed jaħdmu b'intensità għolja tax-xogħol, bi skadenzi qosra ħafna jew matul il-ħin liberu tagħhom ***u jibqa' wieħed mill-aktar xprunaturi sinifikanti tar-riskji psikosoċjali, li jirrikjedi miżuri organizzattivi mmirati biex jiġu ġestiti l-ammont ta' xogħol u l-livelli tal-persunal***;

Or. en

Emenda 47
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi ***l-Istħarriġ*** Ewropew tal-Eurofound dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol juri li ***l-esponiment għal intensità*** għolja tax-xogħol ***żdied minn 27 % fl-2015 għal 40 % fl-2021 fejn wieħed minn kull tliet impjegati qed jaħdmu b'intensità għolja tax-xogħol, bi skadenzi qosra ħafna jew matul il-ħin liberu tagħhom***;	D. billi ***l-Istħarriġ*** Ewropew tal-Eurofound dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol juri li ***l-intensità*** għolja tax-xogħol ***naqset b'4,3 % bejn l-2010 u l-2024, li juri xi effettività tal-qafas attwali għall-prevenzjoni tar-riskji okkupazzjonali eżistenti fl-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 48
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi ***l-l-Istħarriġ*** Ewropew tal-Eurofound dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol juri li l-esponiment għal intensità għolja tax-xogħol żdied ***minn 27 % fl-2015 għal 40 % fl-2021*** fejn wieħed minn kull tliet impjegati qed jaħdmu b'intensità għolja tax-xogħol, bi skadenzi qosra ħafna jew matul il-ħin liberu tagħhom;	D. billi ***l-Istħarriġ*** Ewropew tal-Eurofound dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol juri li l-esponiment għal intensità għolja tax-xogħol żdied ***bejn l-2015 u l-2021*** fejn wieħed minn kull tliet impjegati qed jaħdmu b'intensità għolja tax-xogħol, bi skadenzi qosra ħafna jew matul il-ħin liberu tagħhom;

Or. en

Emenda 49
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-WHO tiddefinixxi post tax-xogħol tajjeb għas-saħħa bħala ambjent fejn il-ħaddiema u l-maniġers jikkollaboraw biex jippromwovu s-saħħa, is-sikurezza u l-benesseri tal-ħaddiema kollha u s-sostenibbiltà tal-post tax-xogħol; billi biex tittejjeb is-saħħa tal-ħaddiema, tal-familji tagħhom, u ta' membri oħra tal-komunità, għandha tingħata kunsiderazzjoni mhux biss lil (i) l-ambjent fiżiku tax-xogħol, iżda wkoll (ii) l-organizzazzjoni tax-xogħol u tal-kultura tal-post tax-xogħol, (iii) ir-riżorsi tas-saħħa personali fuq il-post tax-xogħol, u (iv) il-modi ta' parteċipazzjoni fil-komunità[1a];

[1a] L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) (2010). WHO healthy workplace framework and model: Background and supporting literature and practices (Qafas u mudell tal-WHO għal post tax-xogħol tajjeb għas-saħħa: Sfond u letteratura u prattiki ta' appoġġ). https://iris.who.int/server/api/core/bitstreams/70cf9aff-6a33-4897-9328-f96d0ece89f1/content

Or. en

Emenda 50
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jiġġeneraw kostijiet soċjali u ekonomiċi sostanzjali, inkluż l-assenteiżmu, il-ħruġ mis-suq tax-xogħol ***u t-tnaqqis*** fil-produttività madwar l-Unjoni, li jammontaw għal madwar 60 % tal-jiem tax-xogħol mitlufa fl-UE, u b'hekk jikkontribwixxu għal nuqqas ta' ħaddiema u żieda fl-intensità tax-xogħol għall-ħaddiema f'organizzazzjonijiet milquta minn tali nuqqas ta' ħaddiema; billi l-indirizzar tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol huwa ta' benefiċċju ***kemm*** għall-ħaddiema ***kif ukoll*** għall-impjegaturi;	E. billi r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jiġġeneraw kostijiet soċjali u ekonomiċi sostanzjali, inkluż l-assenteiżmu, il-ħruġ mis-suq tax-xogħol***, rati ogħla ta' rtirar bikri kif ukoll tnaqqis*** fil-produttività ***u fil-kompetittività*** madwar l-Unjoni, ***li jiswew aktar minn mitt biljun euro fis-sena, iżidu l-pressjoni fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa u n-nefqa fuq is-saħħa pubblika u*** li jammontaw għal madwar 60 % tal-jiem tax-xogħol mitlufa fl-UE, u b'hekk jikkontribwixxu għal nuqqas ta' ħaddiema u żieda fl-intensità tax-xogħol għall-ħaddiema f'organizzazzjonijiet milquta minn tali nuqqas ta' ħaddiema; billi l-indirizzar tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol huwa ta' benefiċċju għall-ħaddiema***,*** għall-impjegaturi ***kif ukoll għall-ekonomija u s-soċjetà usa'***;

Or. en

Emenda 51
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Marion Walsmann, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jiġġeneraw kostijiet soċjali u ekonomiċi ***sostanzjali***, inkluż ***l-assenteiżmu, il-ħruġ mis-suq tax-xogħol u t-tnaqqis fil-produttività*** madwar l-Unjoni***, li jammontaw għal madwar 60 % tal-jiem tax-xogħol mitlufa fl-UE, u b'hekk jikkontribwixxu għal nuqqas ta' ħaddiema u żieda fl-intensità tax-xogħol għall-ħaddiema f'organizzazzjonijiet milquta minn tali nuqqas ta' ħaddiema***; ***billi l-indirizzar tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol huwa ta' benefiċċju kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi;***	E. billi r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jiġġeneraw kostijiet soċjali u ekonomiċi, inkluż ***żieda fin-nuqqas ta' mard u ħruġ bikri mill-impjieg, b'implikazzjonijiet għall-produttività madwar l-Unjoni***;

Or. en

Emenda 52
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jiġġeneraw kostijiet soċjali u ekonomiċi sostanzjali, inkluż l-assenteiżmu, il-ħruġ mis-suq tax-xogħol u t-tnaqqis fil-produttività madwar l-Unjoni, li jammontaw għal madwar 60 % tal-jiem tax-xogħol mitlufa fl-UE, u b'hekk jikkontribwixxu għal nuqqas ta' ħaddiema u żieda fl-intensità tax-xogħol għall-	E. billi r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jiġġeneraw kostijiet soċjali u ekonomiċi sostanzjali, inkluż ***żieda fin-nefqa pubblika,*** l-assenteiżmu, il-ħruġ mis-suq tax-xogħol u t-tnaqqis fil-produttività madwar l-Unjoni, li jammontaw għal madwar 60 % tal-jiem tax-xogħol mitlufa fl-UE, u b'hekk jikkontribwixxu għal nuqqas ta' ħaddiema u żieda fl-intensità

ħaddiema f'organizzazzjonijiet milquta minn tali nuqqas ta' ħaddiema; billi l-indirizzar tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol huwa ta' benefiċċju kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi;	tax-xogħol għall-ħaddiema f'organizzazzjonijiet milquta minn tali nuqqas ta' ħaddiema; billi l-indirizzar tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol huwa ta' benefiċċju kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi ***u jikkontribwixxi għall-produttività, l-innovazzjoni u l-kompetittività tan-negozji u l-SMEs Ewropej***;

Or. en

Emenda 53
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jiġġeneraw ***kostijiet*** soċjali u ekonomiċi ***sostanzjali***, inkluż l-assenteiżmu, il-ħruġ mis-suq tax-xogħol ***u t-tnaqqis*** fil-produttività madwar l-Unjoni, ***li jammontaw għal madwar 60 % tal-jiem tax-xogħol mitlufa fl-UE, u b'hekk jikkontribwixxu għal nuqqas ta' ħaddiema u żieda fl-intensità tax-xogħol għall-ħaddiema f'organizzazzjonijiet milquta minn tali*** nuqqas ta' ħaddiema; billi l-indirizzar tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol huwa ta' benefiċċju kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi;	E. billi r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jiġġeneraw ***effetti*** soċjali u ekonomiċi, inkluż l-assenteiżmu, il-ħruġ ***furzat*** mis-suq tax-xogħol***, it-tnaqqis*** fil-produttività madwar l-Unjoni ***u*** nuqqas ta' ħaddiema; billi l-indirizzar tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol ***b'mod ibbilanċjat*** huwa ta' benefiċċju kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi;

Or. en

Emenda 54
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-imġiba soċjali negattiva, inklużi l-abbuż verbali, it-theddid, l-attenzjoni sesswali mhux mixtieqa, il-bullying, il-vjolenza u l-fastidju, għandha impatt partikolarment sever u fit-tul fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema, filwaqt li taffettwa b'mod sproporzjonat lill-ħaddiema f'impjiegi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u dawk li jiffaċċjaw il-klijenti; billi l-vjolenza, inkluża l-vjolenza minn partijiet terzi min-naħa ta' klijenti, pazjenti, riċevituri tal-kura jew utenti tas-servizzi, ***jenħtieġ li*** tiġi rikonoxxuta u indirizzata b'mod espliċitu;	F. billi l-imġiba soċjali negattiva, inklużi l-abbuż verbali, it-theddid, l-attenzjoni sesswali mhux mixtieqa, il-bullying, il-vjolenza u l-fastidju, għandha impatt partikolarment sever u fit-tul fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema, filwaqt li taffettwa b'mod sproporzjonat lill-ħaddiema f'impjiegi ***li jiffaċċjaw il-pubbliku, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' persunal jew iżolament, bħal impjiegi*** fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u dawk li jiffaċċjaw il-klijenti ***u l-ħaddiema tat-trasport tal-passiġġieri***; billi ***n-nisa huma aktar esposti għall-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol; billi l-ispettru kollu tal-fastidju u*** l-vjolenza, inkluża l-vjolenza minn partijiet terzi min-naħa ta' klijenti, pazjenti, riċevituri tal-kura jew utenti tas-servizzi, ***għandha*** tiġi rikonoxxuta u indirizzata b'mod espliċitu***, b'approċċ marbut mal-ġeneru***;

Or. en

Emenda 55
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-imġiba soċjali negattiva, inklużi l-abbuż verbali, it-theddid, l-attenzjoni sesswali mhux mixtieqa, il-bullying, il-vjolenza u l-fastidju, għandha impatt partikolarment sever u fit-tul fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema, filwaqt li taffettwa b'mod sproporzjonat lill-ħaddiema f'impjiegi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u	F. billi l-imġiba soċjali negattiva, inklużi l-abbuż verbali, it-theddid, l-attenzjoni sesswali mhux mixtieqa, il-bullying, il-vjolenza u l-fastidju, għandha impatt partikolarment sever u fit-tul fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema, filwaqt li taffettwa b'mod sproporzjonat lill-ħaddiema f'impjiegi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u

dawk li jiffaċċjaw il-klijenti; billi l-vjolenza, inkluża l-vjolenza minn partijiet terzi min-naħa ta' klijenti, pazjenti, riċevituri tal-kura jew utenti tas-servizzi, ***jenħtieġ li*** tiġi rikonoxxuta u indirizzata b'mod espliċitu;	dawk li jiffaċċjaw il-klijenti***, inklużi l-ħaddiema tat-trasport tal-passiġġieri***; billi ***n-nisa huma aktar esposti għall-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol; billi l-ispettru kollu tal-fastidju u*** l-vjolenza, inkluża l-vjolenza minn partijiet terzi min-naħa ta' klijenti, pazjenti, riċevituri tal-kura jew utenti tas-servizzi, ***għandha*** tiġi rikonoxxuta u indirizzata b'mod espliċitu***, b'approċċ marbut mal-ġeneru***;

Or. en

Emenda 56
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-imġiba soċjali negattiva, inklużi l-abbuż verbali, it-theddid, l-attenzjoni sesswali mhux mixtieqa, il-bullying, il-vjolenza u l-fastidju, għandha impatt partikolarment sever u fit-tul fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema, filwaqt li taffettwa b'mod sproporzjonat lill-ħaddiema f'impjiegi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u dawk li jiffaċċjaw il-klijenti; billi l-vjolenza, inkluża l-vjolenza minn partijiet terzi min-naħa ta' klijenti, pazjenti, riċevituri tal-kura jew utenti tas-servizzi, ***jenħtieġ li*** tiġi rikonoxxuta u indirizzata b'mod espliċitu;	F. billi l-imġiba soċjali negattiva, inklużi l-abbuż verbali, ***l-iżvalutazzjoni tad-dinjità personali u l-imminar tal-identità professjonali,*** it-theddid, l-attenzjoni sesswali mhux mixtieqa, il-bullying, ***il-fastidju morali,*** il-vjolenza u l-fastidju ***jew l-imġiba abbużiva minn impjegaturi, kollegi, superviżuri, maniġers jew persuni f'pożizzjonijiet ta' awtorità***, għandha impatt partikolarment sever u fit-tul fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema, filwaqt li taffettwa b'mod sproporzjonat lill-ħaddiema f'impjiegi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u dawk li jiffaċċjaw il-klijenti; billi l-vjolenza, inkluża l-vjolenza minn partijiet terzi min-naħa ta' klijenti, pazjenti, riċevituri tal-kura jew utenti tas-servizzi, ***għandha*** tiġi rikonoxxuta u indirizzata b'mod espliċitu;

Or. en

Emenda 57
Henrik Dahl, Miriam Lexmann, Andrea Wechsler, Marion Walsmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-imġiba soċjali negattiva, inklużi ***l-abbuż verbali, it-theddid, l-attenzjoni sesswali mhux mixtieqa, il-bullying, il-vjolenza*** u l-fastidju, ***għandha impatt partikolarment sever u fit-tul fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema, filwaqt li taffettwa b'mod sproporzjonat lill-ħaddiema f'impjiegi fis-settur*** tas-saħħa***,*** fl-amministrazzjoni pubblika ***u dawk li jiffaċċjaw il-klijenti***; ***billi l-vjolenza, inkluża l-vjolenza minn partijiet terzi min-naħa ta' klijenti, pazjenti, riċevituri tal-kura jew utenti tas-servizzi, jenħtieġ li tiġi rikonoxxuta u indirizzata b'mod espliċitu;***	F. billi l-imġiba soċjali negattiva, inklużi ***l-vjolenza*** u l-fastidju, ***għandha tiġi indirizzata permezz ta' oqfsa eżistenti u djalogu soċjali, b'enfasi fuq setturi fejn dawn ir-riskji huma l-aktar prevalenti, inklużi l-ħaddiema fil-kura*** tas-saħħa ***u*** fl-amministrazzjoni pubblika;

Or. en

Emenda 58
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-imġiba soċjali negattiva, inklużi ***l-abbuż verbali, it-theddid, l-attenzjoni*** sesswali ***mhux mixtieqa,*** il-bullying, ***il-vjolenza u l-fastidju,*** għandha impatt ***partikolarment sever u fit-tul*** fuq is-saħħa ***fiżika u mentali*** tal-ħaddiema, filwaqt li taffettwa b'mod ***sproporzjonat*** lill-ħaddiema f'impjiegi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u dawk li jiffaċċjaw il-klijenti; billi l-vjolenza, inkluża l-vjolenza minn partijiet terzi min-naħa ta' klijenti, pazjenti, riċevituri tal-kura jew utenti tas-servizzi,	F. billi l-imġiba soċjali negattiva, inklużi ***l-vjolenza, (***sesswali***) il-fastidju u l-bullying***, għandha impatt fuq is-saħħa tal-ħaddiema, filwaqt li taffettwa ***b'mod partikolari*** lill-ħaddiema f'impjiegi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u dawk li jiffaċċjaw il-klijenti; billi l-vjolenza, inkluża l-vjolenza minn partijiet terzi min-naħa ta' klijenti, pazjenti, riċevituri tal-kura jew utenti tas-servizzi, ***għandha*** tiġi rikonoxxuta u indirizzata b'mod espliċitu;

jenħtieġ li tiġi rikonoxxuta u indirizzata b'mod espliċitu;

Or. en

Emenda 59
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-imġiba soċjali negattiva, inklużi l-abbuż verbali, it-theddid, ***l-attenzjoni sesswali mhux mixtieqa,*** il-bullying, il-vjolenza u l-fastidju, għandha impatt partikolarment sever u fit-tul fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema, filwaqt li taffettwa b'mod sproporzjonat lill-ħaddiema f'impjiegi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u dawk li jiffaċċjaw il-klijenti; billi l-vjolenza, inkluża l-vjolenza minn partijiet terzi min-naħa ta' klijenti, pazjenti, riċevituri tal-kura jew utenti tas-servizzi, ***jenħtieġ li*** tiġi rikonoxxuta u indirizzata b'mod espliċitu;	F. billi l-imġiba soċjali negattiva, inklużi l-abbuż verbali, it-theddid, il-bullying, il-vjolenza u l-fastidju ***psikoloġiċi u sesswali***, għandha impatt partikolarment sever u fit-tul fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema, filwaqt li taffettwa b'mod sproporzjonat ***lin-nisa u*** lill-ħaddiema f'impjiegi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u dawk li jiffaċċjaw il-klijenti; billi l-vjolenza, inkluża l-vjolenza minn partijiet terzi min-naħa ta' klijenti, pazjenti, riċevituri tal-kura jew utenti tas-servizzi, ***għandha*** tiġi rikonoxxuta b'mod espliċitu ***u indirizzata b'mod proattiv***;

Or. en

Emenda 60
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-imġiba soċjali negattiva, inklużi l-abbuż verbali, it-theddid, l-attenzjoni sesswali mhux mixtieqa, il-bullying, il-vjolenza u l-fastidju, għandha impatt partikolarment sever u fit-tul fuq is-	F. billi l-imġiba soċjali negattiva, inklużi l-abbuż verbali, it-theddid, l-attenzjoni sesswali mhux mixtieqa, il-bullying, il-vjolenza u l-fastidju, għandha impatt partikolarment sever u fit-tul fuq is-

saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema, filwaqt li taffettwa b'mod sproporzjonat lill-ħaddiema f'impjiegi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u dawk li jiffaċċjaw il-klijenti; billi l-vjolenza, inkluża l-vjolenza minn partijiet terzi min-naħa ta' klijenti, pazjenti, riċevituri tal-kura jew utenti tas-servizzi, ***jenħtieġ li*** tiġi rikonoxxuta u indirizzata b'mod espliċitu;

saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema, filwaqt li taffettwa b'mod sproporzjonat ***lill-ħaddiema nisa u*** lill-ħaddiema f'impjiegi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u dawk li jiffaċċjaw il-klijenti; billi l-vjolenza, inkluża l-vjolenza minn partijiet terzi min-naħa ta' klijenti, pazjenti, riċevituri tal-kura jew utenti tas-servizzi, ***għandha*** tiġi rikonoxxuta u indirizzata b'mod espliċitu;

Or. en

Emenda 61
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi ***l-imġiba*** soċjali negattiva, inklużi l-abbuż verbali, it-theddid, l-attenzjoni sesswali mhux mixtieqa, il-bullying, il-vjolenza u l-fastidju, ***għandha*** impatt partikolarment sever u fit-tul fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema, filwaqt li ***taffettwa*** b'mod sproporzjonat lill-ħaddiema f'impjiegi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u dawk li jiffaċċjaw il-klijenti; ***billi l-vjolenza, inkluża l-vjolenza minn partijiet terzi min-naħa ta' klijenti, pazjenti, riċevituri tal-kura jew utenti tas-servizzi, jenħtieġ li tiġi rikonoxxuta u indirizzata b'mod espliċitu;***	F. billi ***r-riskji psikosoċjali fil-post tax-xogħol huma relatati, fost l-oħrajn, ma' mġiba*** soċjali negattiva, inklużi l-abbuż verbali, it-theddid, l-attenzjoni sesswali mhux mixtieqa, il-bullying, il-vjolenza u l-fastidju, ***l-istress relatat max-xogħol, il-burnout, il-fastidju/il-fastidju morali, ammont eċċessiv ta' xogħol, l-insigurtà tax-xogħol u l-ġestjoni ħażina, li għandhom*** impatt partikolarment sever u fit-tul fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema, filwaqt li ***jaffettwaw*** b'mod sproporzjonat lill-ħaddiema f'impjiegi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u dawk li jiffaċċjaw il-klijenti;

Or. el

Emenda 62
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-vjolenza, inkluża l-vjolenza minn partijiet terzi bħal klijenti, pazjenti, riċevituri tal-kura jew utenti ta' servizzi, tikkostitwixxi riskju dejjem jikber u spiss sottovalutat għas-saħħa mentali, is-sikurezza u d-dinjità tal-ħaddiema; billi tali inċidenti jinkludu, fost l-oħrajn, abbuż verbali, theddid, intimidazzjoni u kull forma ta' fastidju;

Or. el

Emenda 63
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-ħaddiema fis-setturi tas-servizzi, inklużi l-impjiegi li jiffaċċjaw il-klijenti, huma partikolarment esposti għal riskji psikosoċjali minħabba intensità għolja ta' xogħol, nuqqas ta' forza tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċili u esponiment għal vjolenza minn partijiet terzi;

Or. en

Emenda 64
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Lara Magoni, Georgiana Teodorescu, Chiara Gemma, Geadis Geadi, Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-qafas tal-UE attwali dwar is-	***imħassar***

saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH), b'mod partikolari d-Direttiva 89/391/KEE, ma jipprovdix regoli vinkolanti speċifiċi biżżejjed li jiddikjaraw ir-responsabbiltà tal-impjegatur li jindirizza r-riskji kollha;

Or. en

Emenda 65
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Miriam Lexmann, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-qafas tal-UE attwali dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH), b'mod partikolari d-Direttiva 89/391/KEE, ma jipprovdix regoli vinkolanti speċifiċi biżżejjed li jiddikjaraw ir-responsabbiltà tal-impjegatur li jindirizza r-riskji kollha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 66
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-qafas tal-UE attwali dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH), b'mod partikolari d-Direttiva 89/391/KEE, ma jipprovdix regoli vinkolanti speċifiċi biżżejjed li jiddikjaraw ir-responsabbiltà tal-impjegatur li jindirizza r-riskji kollha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 67
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-qafas tal-UE attwali dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH), b'mod partikolari d-Direttiva 89/391/KEE, ***ma jipprovdix*** regoli ***vinkolanti speċifiċi biżżejjed li jiddikjaraw ir-responsabbiltà tal-impjegatur li jindirizza r-riskji kollha***;	G. billi l-qafas tal-UE attwali dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH), b'mod partikolari d-Direttiva ***tal-Kunsill*** 89/391/KEE, ***id-Direttiva (UE) 2019/1937, id-Direttiva (UE) 2024/2831, id-Direttiva 2003/88/KE, id-Direttiva (UE) 2019/1152, id-Direttiva 2002/14/KE, il-Ftehim Qafas dwar l-istress relatat max-xogħol iffirmat mill-ETUC, mill-UNICE, mill-UEAPME u mis-CEEP fit-8 ta' Ottubru 2004, u l-Ftehim Qafas dwar il-fastidju u l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol iffirmat mill-ETUC, minn BUSINESSEUROPE, mill-UEAPME u mis-CEEP fis-26 ta' April 2007 diġà jipprovdu korp regolatorju estensiv ta'*** regoli ***għall-prevenzjoni effettiva tar-riskji okkupazzjonali***;

Or. en

Emenda 68
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-qafas tal-UE attwali dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH), b'mod partikolari d-Direttiva 89/391/KEE, ma jipprovdix regoli vinkolanti speċifiċi biżżejjed li jiddikjaraw ir-responsabbiltà tal-impjegatur li jindirizza r-riskji kollha;	G. billi l-qafas tal-UE attwali dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH), b'mod partikolari d-Direttiva 89/391/KEE, ma jipprovdix regoli vinkolanti speċifiċi biżżejjed li jiddikjaraw ir-responsabbiltà tal-impjegatur li jindirizza r-riskji kollha; ***billi l-leġiżlazzjoni reċenti tal-Unjoni, inkluża d-Direttiva (UE) 2024/2831 dwar***

it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi, sa ċertu punt indirizzat ir-riskji emerġenti relatati mal-organizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-ġestjoni algoritmika tax-xogħol, filwaqt li qieset id-diversità tas-sistemi nazzjonali tas-suq tax-xogħol u r-rwol tas-sħab soċjali;

Or. en

Emenda 69
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-qafas tal-UE attwali dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH), b'mod partikolari d-Direttiva 89/391/KEE, ma jipprovdix regoli vinkolanti speċifiċi biżżejjed li jiddikjaraw ir-responsabbiltà tal-impjegatur ***li jindirizza r-riskji*** kollha;	G. billi l-qafas tal-UE attwali dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH), b'mod partikolari d-Direttiva 89/391/KEE, ma jipprovdix regoli vinkolanti speċifiċi biżżejjed ***jew mekkaniżmi ta' sanzjoni effettivi*** li jiddikjaraw ir-responsabbiltà tal-impjegatur ***fir-rigward tal-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tar-riskji*** kollha;

Or. el

Emenda 70
Raúl de la Hoz Quintano, Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-qafas tal-UE attwali dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH), ***b'mod partikolari d-Direttiva 89/391/KEE, ma jipprovdix regoli vinkolanti speċifiċi biżżejjed li jiddikjaraw ir-responsabbiltà tal-impjegatur li***	G. billi l-qafas tal-UE attwali dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH), b'mod partikolari d-Direttiva 89/391/KEE, ***jipprovdi qafas komprensiv, ibbażat fuq ir-riskju u flessibbli li jkopri r-riskji okkupazzjonali, filwaqt li jippermetti l-adattament għas-sistemi nazzjonali u***

jindirizza r-riskji kollha;	***strutturi differenti tas-suq tax-xogħol***;

Or. en

Emenda 71
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-qafas tal-UE attwali dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH), b'mod partikolari d-Direttiva 89/391/KEE, ma jipprovdix regoli ***vinkolanti*** speċifiċi biżżejjed li ***jiddikjaraw ir-responsabbiltà tal-impjegatur li jindirizza*** r-riskji ***kollha***;	G. billi l-qafas tal-UE attwali dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH), b'mod partikolari d-Direttiva 89/391/KEE, ma jipprovdix regoli ***u gwida*** speċifiċi biżżejjed li ***jindirizzaw l-iżviluppi fid-dinja tax-xogħol matul dawn l-aħħar 30 sena u*** r-riskji ***u l-impatti psikosoċjali tagħhom***;

Or. en

Emenda 72
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Marion Walsmann, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-qafas tal-UE attwali dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali ***(OSH)***,b'mod partikolari d-Direttiva 89/391/KEE, ***ma jipprovdix regoli vinkolanti speċifiċi biżżejjed li jiddikjaraw ir-responsabbiltà tal-impjegatur li jindirizza r-riskji kollha***;	G. billi l-qafas tal-UE attwali dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali b'mod partikolari d-Direttiva 89/391/KEE, ***jipprovdi bażi solida għall-ġestjoni tar-riskji kollha***;

Or. en

Emenda 73
Miriam Lexmann, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-qafas tal-UE attwali dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH), b'mod partikolari d-Direttiva 89/391/KEE***, ma jipprovdix regoli vinkolanti speċifiċi biżżejjed li jiddikjaraw ir-responsabbiltà tal-impjegatur li jindirizza r-riskji kollha***;	G. billi l-qafas tal-UE attwali dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH), b'mod partikolari d-Direttiva 89/391/KEE ***għandu jiġi implimentat bir-reqqa u, jekk ikun meħtieġ, jissaħħaħ***;

Or. en

Emenda 74
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-Parlament Ewropew innota l-effetti negattivi fuq is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH) tal-ġestjoni algoritmika (2025/2080(INL)), il-qafas attwali tal-UE dwar l-OSH biex jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi tal-OSH maħluqa mill-ġestjoni algoritmika u s-sistemi tal-IA fuq il-post tax-xogħol għadhom inadegwati biex jipproteġu lill-ħaddiema; billi l-leġiżlazzjoni eżistenti, inklużi d-Direttiva 89/391/KEE u r-Regolament (UE) 2024/1689, toħloq obbligi għall-valutazzjoni tar-riskju, iżda ma tindirizzax speċifikament l-isfidi tal-ġestjoni algoritmika u l-IA fuq il-post tax-xogħol u tibbaża fuq valutazzjoni tar-riskju ex ante biss, li tipprekludi l-possibbiltà li jiġi vvalutat it-tfaċċar dinamiku tar-riskji tal-OSH fl-użu kontinwu tas-sistemi algoritmiċi u kif is-sistemi mid-disinn tagħhom jadattaw u jitgħallmu fl-użu;

Or. en

Emenda 75
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi skont l-EU-OSHA, 87 % tal-intrapriżi fl-UE jirrapportaw li l-issodisfar ta' obbligu legali huwa raġuni ewlenija għall-ġestjoni tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol[1a];
	[1a] Ir-Raba' Stħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti (ESENER 2024) https://osha.europa.eu/en/publications/first-findings-fourth-european-survey-enterprises-new-and-emerging-risks-esener-2024

Or. en

Emenda 76
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi l-bidliet rapidi li jirriżultaw mill-adozzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni algoritmika, is-sorveljanza diġitali u l-IA fuq il-post tax-xogħol u n-natura ta' dawn it-teknoloġiji biex jadattaw u jġibu magħhom riskji tal-OSH diffiċli biex jitbassru fil-fażi tad-disinn jirrikjedu li l-ħaddiema jkunu jistgħu jirrapportaw riskji relatati mal-OSH permezz ta' kanali ta' komunikazzjoni xierqa, u li jiġu infurmati, ikkonsultati u jkunu jistgħu

	jipparteċipaw tul iċ-ċiklu tal-ħajja tat-teknoloġiji introdotti fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 77
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi ***hemm varjazzjoni konsiderevoli fil-prevalenza tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u fil-mod kif dawn ġew indirizzati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u fil-politiki usa', inklużi dawk li jimplimentaw il-ftehimiet tas-sħab soċjali*** Ewropej dwar l-istress relatat max-xogħol u dwar il-fastidju u l-vjolenza; ***billi tali varjazzjoni tirrifletti d-differenzi fl-istrutturi tas-suq tax-xogħol, fl-oqfsa regolatorji u fil-prattiki ta' implimentazzjoni, u b'hekk twassal għal livelli inugwali ta' protezzjoni*** madwar ***l-Unjoni***;	H. billi ***l-eżistenza tal-ftehimiet qafas*** dwar l-istress relatat max-xogħol u dwar il-fastidju u l-vjolenza ***tat-8 ta' Ottubru 2004 u tas-26 ta' April 2007 turi li diġà hemm fehma komuni*** madwar ***l-Istati Membri għall-prevenzjoni tar-riskji okkupazzjonali permezz ta' negozjar kollettiv***;

Or. en

Emenda 78
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi hemm varjazzjoni konsiderevoli fil-prevalenza tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u fil-mod kif dawn ġew indirizzati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u fil-politiki usa', inklużi dawk li jimplimentaw il-ftehimiet tas-sħab	H. billi hemm varjazzjoni konsiderevoli fil-prevalenza tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u fil-mod kif dawn ġew indirizzati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u fil-politiki usa', inklużi dawk li jimplimentaw il-ftehimiet tas-sħab

soċjali Ewropej dwar l-istress relatat max-xogħol u dwar il-fastidju u l-vjolenza; billi ***tali varjazzjoni tirrifletti d-differenzi fl-istrutturi tas-suq tax-xogħol, fl-oqfsa regolatorji u fil-prattiki ta' implimentazzjoni***, u b'hekk ***twassal għal livelli inugwali ta' protezzjoni madwar l-Unjoni;***	soċjali Ewropej dwar l-istress relatat max-xogħol u dwar il-fastidju u l-vjolenza; billi ***huwa importanti li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-leġiżlazzjoni dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol***, u b'hekk ***jiġi evitat approċċ kulħadd f'keffa waħda, filwaqt li jiġu rispettati sitwazzjonijiet soċjali u ekonomiċi differenti, u jissaħħu l-miżuri tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali diġà eżistenti;***

Or. en

Emenda 79
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi hemm varjazzjoni konsiderevoli fil-prevalenza tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u fil-mod kif dawn ġew indirizzati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u fil-politiki usa', inkluż dawk li jimplimentaw il-ftehimiet tas-sħab soċjali Ewropej dwar l-istress relatat max-xogħol u dwar il-fastidju u l-vjolenza; billi tali varjazzjoni tirrifletti d-differenzi fl-istrutturi tas-suq tax-xogħol, fl-oqfsa regolatorji u fil-prattiki ta' implimentazzjoni, u b'hekk ***twassal għal*** livelli inugwali ta' protezzjoni madwar l-Unjoni;	H. billi hemm varjazzjoni konsiderevoli fil-prevalenza tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u fil-mod kif dawn ġew indirizzati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u fil-politiki usa', inkluż dawk li jimplimentaw il-ftehimiet tas-sħab soċjali Ewropej dwar l-istress relatat max-xogħol u dwar il-fastidju u l-vjolenza; billi tali varjazzjoni tirrifletti d-differenzi fl-istrutturi tas-suq tax-xogħol, fl-oqfsa regolatorji u fil-prattiki ta' implimentazzjoni, u b'hekk ***hemm riskju potenzjali ta'*** livelli inugwali ta' protezzjoni madwar l-Unjoni ***b'mod partikolari f'setturi u impjiegi li jesperjenzaw organizzazzjoni u kundizzjonijiet tax-xogħol li qed jinbidlu***;

Or. en

Emenda 80
Raúl de la Hoz Quintano, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi hemm varjazzjoni konsiderevoli fil-prevalenza tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u fil-mod kif dawn ġew indirizzati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u fil-politiki usa', inklużi dawk li jimplimentaw il-ftehimiet tas-sħab soċjali Ewropej dwar l-istress relatat max-xogħol u dwar il-fastidju u l-vjolenza; billi tali varjazzjoni tirrifletti d-differenzi fl-istrutturi tas-suq tax-xogħol, fl-oqfsa regolatorji u fil-prattiki ta' implimentazzjoni, u ***b'hekk twassal għal livelli inugwali*** ta' protezzjoni madwar l-Unjoni;	H. billi hemm varjazzjoni konsiderevoli fil-prevalenza tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u fil-mod kif dawn ġew indirizzati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u fil-politiki usa', inklużi dawk li jimplimentaw il-ftehimiet tas-sħab soċjali Ewropej dwar l-istress relatat max-xogħol u dwar il-fastidju u l-vjolenza; billi tali varjazzjoni tirrifletti d-differenzi fl-istrutturi tas-suq tax-xogħol, fl-oqfsa regolatorji u fil-prattiki ta' implimentazzjoni, u ***tippermetti approċċi mfassla apposta u sensittivi għall-kuntest għall-prevenzjoni, filwaqt li tikkontribwixxi għal livell għoli*** ta' protezzjoni ***tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema*** madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 81
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi hemm varjazzjoni konsiderevoli fil-prevalenza tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol ***u fil-mod kif dawn ġew indirizzati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u fil-politiki usa', inklużi dawk li jimplimentaw il-ftehimiet tas-sħab soċjali Ewropej dwar l-istress relatat max-xogħol u dwar il-fastidju u l-vjolenza***; billi tali varjazzjoni tirrifletti d-differenzi fl-istrutturi tas-suq tax-xogħol, fl-oqfsa regolatorji u fil-prattiki ta' implimentazzjoni, u b'hekk twassal għal livelli inugwali ta' protezzjoni madwar l-	H. billi hemm varjazzjoni konsiderevoli fil-prevalenza tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol; billi tali varjazzjoni tirrifletti d-differenzi fl-istrutturi tas-suq tax-xogħol, fl-oqfsa regolatorji u fil-prattiki ta' implimentazzjoni, u b'hekk twassal għal livelli inugwali ta' protezzjoni madwar l-Unjoni; ***billi hija meħtieġa kondivizjoni tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri biex tiġi promossa l-konverġenza lejn standards għoljin;***

Unjoni;

Or. en

Emenda 82
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Raúl de la Hoz Quintano, Marion Walsmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi hemm ***varjazzjoni konsiderevoli fil-prevalenza tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u fil-mod kif dawn ġew indirizzati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u fil-politiki usa', inklużi dawk li jimplimentaw il-ftehimiet tas-sħab soċjali Ewropej dwar l-istress relatat max-xogħol u dwar il-fastidju u l-vjolenza***; ***billi tali varjazzjoni tirrifletti d-differenzi fl-istrutturi tas-suq tax-xogħol, fl-oqfsa regolatorji u fil-prattiki*** ta' implimentazzjoni***, u b'hekk twassal għal livelli inugwali ta'*** protezzjoni ***madwar l-Unjoni***;	H. billi hemm ***bżonn*** ta' implimentazzjoni ***u infurzar aktar effettivi tal-istandards eżistenti tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fl-Istati Membri kollha biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u*** protezzjoni ***konsistenti b'rispett sħiħ tal-mudelli nazzjonali differenti tas-suq tax-xogħol u tas-sistemi ta' infurzar li jippermettu soluzzjonijiet imfassla apposta għal tradizzjonijiet u sistemi industrijali differenti tal-Istati Membri tal-UE***;

Or. en

Emenda 83
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi s-sħab soċjali għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fil-prevenzjoni u l-indirizzar tar-riskji psikosoċjali, b'mod partikolari fil-livell settorjali u tal-kumpaniji, biex jiżguraw soluzzjonijiet adattati għall-kuntest u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom;

Or. en

Emenda 84
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi ***r-riskji psikosoċjali relatati mal-klima, inkluż*** l-esponiment għal eventi u kundizzjonijiet estremi tat-temp u l-eżiti tagħhom, bħall-istress mis-sħana, ***l-ekoansjetà, u l-istress relatat max-xogħol marbut mat-tranżizzjonijiet ambjentali, huma determinanti sinifikanti tas-saħħa*** u s-sikurezza tal-ħaddiema; ***billi l-integrazzjoni ta' dawn ir-riskji fid-dritt tal-UE timmodernizzah u tiżgura li jibqa' rilevanti għad-dinja tax-xogħol li qed tevolvi;***	I. billi l-esponiment għal eventi u kundizzjonijiet estremi tat-temp u l-eżiti tagħhom, bħall-istress mis-sħana, ***għandu wkoll influwenza fuq is-saħħa*** u s-sikurezza tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 85
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Marion Walsmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi ***r-riskji psikosoċjali relatati mal-klima, inkluż l-esponiment għal eventi u kundizzjonijiet estremi tat-temp u l-eżiti tagħhom, bħall-istress mis-sħana, l-ekoansjetà, u l-istress relatat max-xogħol marbut mat-tranżizzjonijiet*** ambjentali***, huma determinanti sinifikanti tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema; billi l-integrazzjoni ta' dawn ir-riskji fid-dritt tal-UE timmodernizzah u tiżgura li jibqa' rilevanti għad-dinja tax-xogħol li qed tevolvi;***	I. billi ***l-fatturi*** ambjentali ***jista' jkollhom impatt fuq l-ambjent tax-xogħol, u sfidi bħal dawn għandhom jiġu indirizzati permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki u d-djalogu soċjali***;

Or. en

Emenda 86
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi r-riskji psikosoċjali relatati mal-klima, inkluż l-esponiment għal eventi u kundizzjonijiet estremi tat-temp u l-eżiti tagħhom, bħall-istress mis-sħana, l-ekoansjetà, u l-istress relatat max-xogħol marbut ***mat-tranżizzjonijiet ambjentali***, huma determinanti sinifikanti tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema; billi l-integrazzjoni ta' dawn ir-riskji fid-dritt tal-UE timmodernizzah u tiżgura li jibqa' rilevanti għad-dinja tax-xogħol li qed tevolvi;	I. billi r-riskji psikosoċjali relatati mal-klima, inkluż l-esponiment għal eventi u kundizzjonijiet estremi tat-temp u l-eżiti tagħhom, bħall-istress mis-sħana, l-ekoansjetà, ***iż-żieda fl-għeja, l-irritabbiltà, it-tnaqqis ifl-konċentrazzjoni, il-kunflitti interpersonali, u l-prevalenza ogħla ta' ansjetà u dipressjoni*** u l-istress relatat max-xogħol marbut ***mal-inċertezza u l-adattabbiltà għat-tranżizzjoni doppja***, huma determinanti sinifikanti tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema; billi l-integrazzjoni ta' dawn ir-riskji fid-dritt tal-UE timmodernizzah u tiżgura li jibqa' rilevanti għad-dinja tax-xogħol li qed tevolvi;

Or. en

Emenda 87
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi r-riskji psikosoċjali relatati mal-klima, inkluż l-esponiment għal eventi u kundizzjonijiet estremi tat-temp u l-eżiti tagħhom, bħall-istress mis-sħana, l-ekoansjetà, u l-istress relatat max-xogħol marbut mat-tranżizzjonijiet ambjentali, huma determinanti sinifikanti tas-saħħa u	I. billi r-riskji psikosoċjali relatati mal-klima, inkluż l-esponiment għal eventi u kundizzjonijiet estremi tat-temp u l-eżiti tagħhom, bħall-istress mis-sħana, l-ekoansjetà, u l-istress relatat max-xogħol marbut mat-tranżizzjonijiet ambjentali, huma determinanti sinifikanti tas-saħħa u

s-sikurezza tal-ħaddiema; billi ***l-integrazzjoni ta' dawn ir-riskji fid-dritt tal-UE timmodernizzah u tiżgura li jibqa' rilevanti*** għad-dinja tax-xogħol li qed tevolvi;

s-sikurezza tal-ħaddiema; billi ***l-valutazzjoni tal-inkorporazzjoni potenzjali tagħhom fl-istrateġiji tal-UE timmodernizza l-approċċ tal-UE*** għad-dinja tax-xogħol li qed tevolvi;

Or. en

Emenda 88
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi r-riskji psikosoċjali relatati mal-klima, inkluż l-esponiment għal eventi u kundizzjonijiet estremi tat-temp u l-eżiti tagħhom, ***bħall-istress mis-sħana, l-ekoansjetà, u l-istress relatat max-xogħol marbut mat-tranżizzjonijiet ambjentali,*** huma determinanti sinifikanti tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema; billi ***l-integrazzjoni*** ta' dawn ir-riskji ***fid-dritt tal-UE timmodernizzah u tiżgura li jibqa' rilevanti għad-dinja*** tax-xogħol ***li qed tevolvi***;	I. billi r-riskji psikosoċjali relatati mal-klima, inkluż l-esponiment għal eventi u kundizzjonijiet estremi tat-temp u l-eżiti tagħhom, huma determinanti sinifikanti tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema; billi ***l-indirizzar*** ta' dawn ir-riskji ***jikkontribwixxi biex jiġi żgurat li l-oqfsa tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-UE jibqgħu effettivi u reattivi għal riskji ġodda u emerġenti fid-dinja*** tax-xogħol; ***billi xi Stati Membri diġà ħadu miżuri mmirati temporanji xierqa biex jindirizzaw dawk ir-riskji;***

Or. en

Emenda 89
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi r-riskji psikosoċjali relatati mal-klima, inkluż l-esponiment għal eventi u kundizzjonijiet estremi tat-temp u l-eżiti tagħhom, bħall-istress mis-sħana, ***l-ekoansjetà,*** u l-istress relatat max-xogħol	I. billi r-riskji psikosoċjali relatati mal-klima, inkluż l-esponiment għal eventi u kundizzjonijiet estremi tat-temp u l-eżiti tagħhom, bħall-istress mis-sħana, u l-istress relatat max-xogħol marbut mat-

marbut mat-tranżizzjonijiet ambjentali, ***huma determinanti sinifikanti tas-saħħa*** u s-sikurezza tal-ħaddiema; ***billi l-integrazzjoni ta' dawn ir-riskji fid-dritt tal-UE timmodernizzah u tiżgura li jibqa' rilevanti għad-dinja tax-xogħol li qed tevolvi;***	tranżizzjonijiet ambjentali, ***jista' jkollhom impatt ukoll fuq is-saħħa*** u s-sikurezza tal-ħaddiema***, skont l-Istħarriġ Ewropew tal-Eurofound dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol***;

Or. en

Emenda 90
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-EU-OSHA tenfasizza l-importanza ta' proċessi partekipattivi ta' valutazzjoni tar-riskju u l-involviment effettiv tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom fil-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;	***imħassar***

Or. en

Emenda 91
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi 29 % tal-ħaddiema jirrapportaw li mhumiex infurmati tajjeb ħafna jew li mhuma infurmati xejn dwar il-prevenzjoni tal-istress relatat max-xogħol fuq il-post tax-xogħol tagħhom u dan jindika diskrepanza sinifikanti bejn l-għarfien u l-komunikazzjoni dwar il-prevenzjoni tar-riskju psikosoċjali;	K. billi 29 % tal-ħaddiema jirrapportaw li mhumiex infurmati tajjeb ħafna jew li mhuma infurmati xejn dwar il-prevenzjoni tal-istress relatat max-xogħol fuq il-post tax-xogħol tagħhom u dan jindika diskrepanza sinifikanti bejn l-għarfien u l-komunikazzjoni dwar il-prevenzjoni tar-riskju psikosoċjali; ***billi dan jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-miżuri***

ta' edukazzjoni, taħriġ u sensibilizzazzjoni, inkluż fil-livelli vokazzjonali u tal-edukazzjoni għolja, sabiex jitrawmu miżuri preventivi;

Or. en

Emenda 92
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi ***29 %*** tal-ħaddiema ***jirrapportaw li mhumiex*** infurmati tajjeb ***ħafna jew li mhuma infurmati xejn*** dwar ***il-prevenzjoni*** tal-istress relatat max-xogħol ***fuq il-post tax-xogħol tagħhom u dan jindika diskrepanza sinifikanti bejn l-għarfien u l-komunikazzjoni dwar il-prevenzjoni tar-riskju psikosoċjali***;	K. billi***, skont l-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Eurofound, maġġoranza kbira*** tal-ħaddiema ***huma*** infurmati tajjeb dwar ***ir-riskji għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u l-prevenzjoni*** tal-istress relatat max-xogħol;

Or. en

Emenda 93
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. billi l-prevenzjoni effettiva tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol tirrikjedi li l-ħaddiema jkunu infurmati b'mod adegwat, fil-ħin, b'mod ċar u li jinftiehem, dwar in-natura ta' tali riskji, il-fatturi li jaffettwawhom u l-miżuri stabbiliti biex jipprevenuhom u jindirizzawhom; billi tali informazzjoni għandha tiġi pprovduta bil-miktub u f'formati li jkunu aċċessibbli u li jinftiehmu mill-ħaddiema kollha, filwaqt

li jitqiesu l-ħtiġijiet differenti, inklużi dawk tal-persuni b'diżabbiltà; billi l-aċċessibbiltà għandha tiġi żgurata skont il-prinċipji tad-disinn universali; billi l-iżgurar li l-ħaddiema kollha, inklużi dawk b'diżabbiltà, ikunu jistgħu jaċċessaw, jifhmu u jużaw tali informazzjoni huwa essenzjali biex jippermettu l-parteċipazzjoni sinifikattiva tagħhom fil-proċessi ta' prevenzjoni, rapportar u ġestjoni tar-riskju;

Or. en

Emenda 94
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali, il-ġestjoni algoritmika u l-intelliġenza artifiċjali jikkontribwixxi għat-teknostress, it-tagħbija konjittiva eċċessiva, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, l-iżolament soċjali u t-telf tal-awtonomija, u spiss iwassal biex il-ħaddiema jkollhom jadattaw għall-magni minflok ma t-teknoloġija tiġi adattata għall-ħaddiema;	L. billi l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali, il-ġestjoni algoritmika u l-intelliġenza artifiċjali jikkontribwixxi għat-teknostress, it-tagħbija konjittiva eċċessiva, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, l-iżolament soċjali u t-telf tal-awtonomija, ***id-diskriminazzjoni, is-sorveljanza bla bżonn,***u spiss iwassal biex il-ħaddiema jkollhom jadattaw għall-magni minflok ma t-teknoloġija tiġi adattata għall-ħaddiema; ***billi madwar żewġ terzi tal-maniġers li jużaw għodod ta' ġestjoni algoritmika għandhom tħassib dwar l-affidabbiltà fir-rigward tal-użu attwali tagħhom; billi l-maniġers ta' spiss jindikaw obbligu ta' rendikont mhux ċar (28 %), nuqqas ta' spjegabbiltà (27 %), kif ukoll protezzjoni inadegwata tas-saħħa fiżika u mentali tal-impjegati (27 %)[1a];***

[1a] Dokument ta' Ħidma tal-OECD, Algorithmic Management in the Workplace (Ġestjoni Algoritmika fuq il-

Post tax-Xogħol), 2025, p. 37.

Or. en

Emenda 95
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali, il-ġestjoni algoritmika u l-intelliġenza artifiċjali jikkontribwixxi għat-teknostress, it-tagħbija konjittiva eċċessiva, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, l-iżolament soċjali u t-telf tal-awtonomija***, u spiss iwassal biex il-ħaddiema jkollhom jadattaw għall-magni minflok ma t-teknoloġija tiġi adattata għall-ħaddiema***;	L. billi l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali, il-ġestjoni algoritmika u l-intelliġenza artifiċjali ***jista'*** jikkontribwixxi għat-teknostress, it-tagħbija konjittiva eċċessiva, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, l-iżolament soċjali u t-telf tal-awtonomija***; billi t-teknoloġiji diġitali għandhom ukoll il-potenzjal li jappoġġjaw lill-ħaddiema***; ***billi huwa importanti li jiġi applikat approċċ iċċentrat fuq il-bniedem meta jiġu żviluppati t-teknoloġiji, sabiex jiġu adattati għall-ħtiġijiet tal-ħaddiema u ma joħolqux riskji psikosoċjali***;

Or. en

Emenda 96
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali, il-ġestjoni algoritmika u l-intelliġenza artifiċjali jikkontribwixxi ***għat-teknostress, it-tagħbija*** konjittiva eċċessiva, l-intensifikazzjoni tax-xogħol***,*** l-iżolament soċjali ***u t-telf tal-awtonomija***, u spiss iwassal biex il-ħaddiema jkollhom	L. billi l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali, il-ġestjoni algoritmika u l-intelliġenza artifiċjali***, filwaqt li joffri wkoll opportunitajiet biex jittejbu l-organizzazzjoni u l-flessibbiltà tax-xogħol meta jiġu implimentati kif xieraq,*** jikkontribwixxi ***għat-tagħbija*** konjittiva

jadattaw ***għall-magni minflok ma t-teknoloġija tiġi adattata għall-ħaddiema***;	eċċessiva, l-intensifikazzjoni tax-xogħol ***u*** l-iżolament soċjali, u spiss iwassal biex il-ħaddiema jkollhom jadattaw ***għat-teknoloġija aktar milli bil-kontra***;

Or. en

Emenda 97
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali, il-ġestjoni algoritmika u l-intelliġenza artifiċjali jikkontribwixxi ***għat-teknostress, it-tagħbija*** konjittiva eċċessiva***, l-intensifikazzjoni tax-xogħol***, l-iżolament soċjali u t-telf tal-awtonomija, ***u spiss iwassal biex*** il-ħaddiema ***jkollhom*** jadattaw għall-magni ***minflok ma t-teknoloġija tiġi adattata għall-ħaddiema***;	L. billi l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali, il-ġestjoni algoritmika u l-intelliġenza artifiċjali ***jista'*** jikkontribwixxi ***għat-tagħbija*** konjittiva eċċessiva, l-iżolament soċjali u t-telf tal-awtonomija, ***jekk*** il-ħaddiema ***jkunu meħtieġa*** jadattaw għall-magni ***mingħajr kontroll etiku mill-bniedem***;

Or. en

Emenda 98
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L billi l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali, il-ġestjoni algoritmika u l-intelliġenza artifiċjali jikkontribwixxi għat-teknostress, it-tagħbija konjittiva eċċessiva, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, l-iżolament soċjali u t-telf tal-awtonomija, u spiss iwassal biex il-ħaddiema jkollhom jadattaw għall-magni minflok ma t-teknoloġija tiġi adattata għall-ħaddiema;	L billi l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali, il-ġestjoni algoritmika u l-intelliġenza artifiċjali jikkontribwixxi għat-teknostress, ***it-tnaqqis tal-postijiet tax-xogħol***, it-tagħbija konjittiva eċċessiva, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, l-iżolament soċjali u t-telf tal-awtonomija, u spiss iwassal biex il-ħaddiema jkollhom jadattaw għall-magni minflok ma t-teknoloġija tiġi

adattata għall-ħaddiema;

Or. el

Emenda 99
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali, il-ġestjoni algoritmika u l-intelliġenza artifiċjali jikkontribwixxi għat-teknostress, it-tagħbija konjittiva eċċessiva, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, l-iżolament soċjali u t-telf tal-awtonomija, u ***spiss iwassal*** biex il-ħaddiema jkollhom jadattaw għall-magni minflok ma t-teknoloġija tiġi adattata għall-ħaddiema;	L. billi l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali, il-ġestjoni algoritmika u l-intelliġenza artifiċjali ***jista'*** jikkontribwixxi għat-teknostress, it-tagħbija konjittiva eċċessiva, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, l-iżolament soċjali u t-telf tal-awtonomija, u ***jista' jwassal*** biex il-ħaddiema jkollhom jadattaw għall-magni minflok ma t-teknoloġija tiġi adattata għall-ħaddiema;

Or. en

Emenda 100
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Marion Walsmann, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi ***l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji*** diġitali***, il-ġestjoni algoritmika u l-intelliġenza artifiċjali jikkontribwixxi għat-teknostress, it-tagħbija konjittiva eċċessiva, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, l-iżolament*** soċjali ***u t-telf tal-awtonomija, u spiss iwassal biex il-ħaddiema jkollhom jadattaw għall-magni minflok ma t-teknoloġija tiġi adattata għall-ħaddiema***;	L. billi ***t-tranżizzjoni*** diġitali ***toffri opportunitajiet għat-tkabbir u l-produttività, riskji assoċjati; billi l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda għandha tiġi ġestita permezz tad-djalogu*** soċjali ***u l-prinċipji eżistenti tal-OSH***;

Or. en

Emenda 101
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali, il-ġestjoni algoritmika u l-intelliġenza artifiċjali jikkontribwixxi għat-teknostress***, it-tagħbija konjittiva eċċessiva***, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, l-iżolament soċjali u t-telf tal-awtonomija***, u spiss iwassal biex il-ħaddiema jkollhom jadattaw għall-magni minflok ma t-teknoloġija tiġi adattata għall-ħaddiema***;	L. billi l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali, il-ġestjoni algoritmika u l-intelliġenza artifiċjali ***jista'*** jikkontribwixxi għat-teknostress, l-intensifikazzjoni tax-xogħol***, is-sorveljanza bla bżonn***, l-iżolament soċjali u t-telf tal-awtonomija ***jekk ma jiġux varati u ġestiti b'mod iċċentrat fuq il-bniedem bl-involviment u t-taħriġ tal-ħaddiema***;

Or. en

Emenda 102
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa La (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	La. billi l-użu dejjem akbar tal-għodod diġitali għal skopijiet ta' xogħol wassal għal kultura ta' "konnessjoni kontinwa", "dejjem online" jew "kostantement on-call", li jista' jkollha effett detrimentali fuq id-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, il-limitazzjoni tal-ħin tax-xogħol u tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, is-saħħa fiżika u mentali, u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u l-benesseri, kif ukoll, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, minħabba l-impatt sproporzjonat tagħha fuq il-ħaddiema b'responsabbiltajiet ta' indukrar, li ġeneralment ikunu nisa; billi t-tranżizzjoni diġitali għandha tkun iggwidata mir-rispett għad-drittijiet tal-

bniedem u għad-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-Unjoni, u għandu jkollha impatt pożittiv fuq il-ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

Or. en

Emenda 103
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa La (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	La. billi l-għeja mentali mill-użu eċċessiv jew mis-sorveljanza tal-għodod tal-IA lil hinn mill-kapaċità konjittiva ta' persuna, fenomenu, xi drabi deskritt bħala "għeja tal-moħħ diġitali" jew "relatata mal-IA" jew "brainfry", tista' twassal għal tnaqqis fil-konċentrazzjoni, tfixkil fit-teħid tad-deċiżjonijiet, produttività mnaqqsa, u żieda fl-istress psikosoċjali, b'mod partikolari f'ambjenti b'responsabbiltà għolja;

Or. en

Emenda 104
Liesbet Sommen, Wouter Beke, Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa La (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	La. billi dan il-fenomenu, xi drabi deskritt bħala "għeja tal-moħħ diġitali" jew "relatata mal-IA", jista' jwassal għal tnaqqis fil-konċentrazzjoni, tfixkil fit-teħid tad-deċiżjonijiet, tnaqqis fil-produttività, u żieda fl-istress psikosoċjali, b'mod partikolari f'ambjenti

b'responsabbiltà għolja;

Or. en

Emenda 105
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi t-telexogħol u l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli, filwaqt li jipprovdu awtonomija ***u*** flessibbiltà, ġew assoċjati wkoll ma' żieda fl-intensità tax-xogħol, ***interferenza bejn ix-xogħol u l-ħajja privata***, disponibbiltà estiża u l-ħolqien ta' kultura tax-xogħol fejn tkun "dejjem konness", li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa mentali jekk ma jkunux regolati kif xieraq;	M. billi t-telexogħol u l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli, filwaqt li jipprovdu awtonomija***,*** flessibbiltà ***u opportunitajiet għat-titjib tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata***, ġew assoċjati wkoll ma' żieda fl-intensità tax-xogħol, ***konnessjoni ma' għodod diġitali relatati max-xogħol lil hinn mis-sigħat tax-xogħol***, disponibbiltà estiża u l-ħolqien ta' kultura tax-xogħol fejn tkun "dejjem konness", li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa mentali jekk ma jkunux regolati ***u implimentati*** kif xieraq;

Or. en

Emenda 106
Miriam Lexmann, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi t-telexogħol u l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli, filwaqt li jipprovdu awtonomija u flessibbiltà, ***ġew assoċjati wkoll ma' żieda fl-intensità*** tax-xogħol, ***interferenza*** bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, ***disponibbiltà estiża*** u l-ħolqien ta' kultura tax-xogħol fejn tkun "dejjem konness", li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa mentali jekk ma jkunux	M. billi t-telexogħol u l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli, filwaqt li jipprovdu awtonomija u flessibbiltà, ***jistgħu jżidu l-intensità*** tax-xogħol, ***l-interferenza*** bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, ***jestendu d-disponibbiltà*** u l-ħolqien ta' kultura tax-xogħol fejn tkun "dejjem konness", li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa mentali jekk ma jkunux ***ġestiti*** kif xieraq;

regolati kif xieraq;	***ifakkar, madankollu, li huma meħtieġa arranġamenti tax-xogħol flessibbli għall-ġestjoni ta' kundizzjonijiet differenti inklużi diżabbiltajiet jew mard kroniku bħall-mard rewmatiku u muskoloskeletali jew id-dijabete;***

Or. en

Emenda 107
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover, Liesbet Sommen, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi t-telexogħol u l-arranġamenti tax-xogħol ***flessibbli***, filwaqt li jipprovdu ***awtonomija u*** flessibbiltà, ġew assoċjati wkoll ma' żieda fl-intensità tax-xogħol, interferenza bejn ix-xogħol u l-ħajja privata***,*** disponibbiltà estiża ***u l-ħolqien ta' kultura tax-xogħol fejn tkun "dejjem konness",*** li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa mentali jekk ma jkunux ***regolati*** kif xieraq;	M. billi t-telexogħol u l-arranġamenti tax-xogħol ***adattivi***, filwaqt li jipprovdu flessibbiltà, ġew assoċjati wkoll ma' żieda fl-intensità tax-xogħol, interferenza bejn ix-xogħol u l-ħajja privata ***u*** disponibbiltà estiża li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa mentali jekk ma jkunux ***ġestiti*** kif xieraq;

Or. en

Emenda 108
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi t-telexogħol u l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli, filwaqt li jipprovdu awtonomija u flessibbiltà, ġew assoċjati wkoll ma' żieda fl-intensità tax-xogħol, ***interferenza bejn ix-xogħol u l-ħajja privata***, disponibbiltà estiża u l-ħolqien ta'	M. billi t-telexogħol u l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli, filwaqt li jipprovdu awtonomija u flessibbiltà, ġew assoċjati wkoll ma' żieda fl-intensità tax-xogħol, ***l-impossibbiltà li wieħed jagħmel distinzjoni bejn il-ħajja professjonali u dik***

kultura tax-xogħol fejn tkun “dejjem konness”, li jistgħu jaffettwaw b’mod negattiv is-saħħa mentali jekk ma jkunux regolati kif xieraq;	***personali***, disponibbiltà estiża u l-ħolqien ta’ kultura tax-xogħol fejn tkun “dejjem konness”, li jistgħu jaffettwaw b’mod negattiv is-saħħa mentali jekk ma jkunux regolati kif xieraq;

Or. el

Emenda 109
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Miriam Lexmann, Marion Walsmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi t-telexogħol u ***l-arranġamenti tax-xogħol*** flessibbli***, filwaqt li jipprovdu awtonomija u flessibbiltà, ġew assoċjati wkoll ma’ żieda fl-intensità tax-xogħol, interferenza bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, disponibbiltà estiża u l-ħolqien ta’ kultura tax-xogħol fejn tkun “dejjem konness”, li jistgħu jaffettwaw b’mod negattiv is-saħħa mentali jekk ma jkunux regolati kif xieraq***;	M. billi***, filwaqt li*** t-telexogħol u ***x-xogħol*** flessibbli ***joffru benefiċċji għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-produttività, irid jinstab il-bilanċ it-tajjeb; billi kwalunkwe sfida għandha tiġi indirizzata permezz tad-djalogu soċjali bejn is-sħab soċjali fil-livell xieraq fil-qafas attwali***;

Or. en

Emenda 110
Maria Ohisalo
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ma (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ma. billi l-impjegati fil-livell professjonali u maniġerjali huma affettwati minn fatturi ta’ stress partikolari bħan-natura eżiġenti tax-xogħol, l-awtoġestjoni u l-awtonomija tal-impjiegi, il-frammentazzjoni u r-riperkussjonijiet tax-xogħol fil-ħajja

privata; billi s-superjuri li jsofru minn eżawriment u burnout relatati max-xogħol joħolqu effett ta' infiltrazzjoni, bil-ħaddiema li jimmaniġġjaw jesperjenzaw ukoll livelli ogħla ta' eżawriment emozzjonali, ansjetà u dipressjoni;

Or. en

Emenda 111
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ma (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ma. billi l-ħaddiema nisa huma esposti b'mod sproporzjonat għal riskji psikosoċjali fid-dinja tax-xogħol, inklużi l-vjolenza u l-fastidju abbażi tal-ġeneru, li jikkostitwixxu riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH) b'impatti sinifikanti fuq il-benesseri fiżiku, ekonomiku u mentali tagħhom;

Or. en

Emenda 112
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Mb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Mb. billi l-Konvenzjoni Nru 190 tal-ILO (C190) hija l-ewwel trattat internazzjonali li jirrikonoxxi d-dritt ta' kulħadd għal dinja tax-xogħol ħielsa mill-vjolenza u l-fastidju, inklużi l-vjolenza u l-fastidju abbażi tal-ġeneru;

Or. en

Emenda 113
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
